

22000D0713(06)

L 174/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.7.2000

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 46/2000

tad-19 ta' Mejju 2000

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqsgma speċifiki barra l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) il-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/1999 tat-30 ta' Lulju 1999 <sup>(1)</sup>.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi strument ta' finanzjament u programmar waħdieni għall-kooperazzjoni kulturali (programm Kultura 2000) (Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>).
- (3) il-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża sseħħ sa mill-1 ta' Jannar 2000,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 13(4) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim:

“– **32000 D 0508:** Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Frar 2000(ĠU L 63, ta' l-10.3.2000, p. 1).”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-ewwel ġurnata wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2000.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 63, tat-10.3.2000, p. 1.